Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2023/2129(DEC)

17.10.2023

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza 2022: Baġit ġenerali tal-UE - Il-Kummissjoni Ewropea
(2023/2129(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Christine Anderson

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

A. billi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-eliminazzjoni tal-inugwaljanzi huma valuri ewlenin li fuqhom hija msejsa l-Unjoni, u l-impenn li tiġi promossa l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fl-azzjonijiet kollha tagħha kif minquxa fl-Artikolu 8 tat-TFUE;

1. Jenfasizza li l-opportunitajiet indaqs għall-irġiel u n-nisa għandhom jingħataw fl-oqsma kollha ta' politika; madanakollu, għandha tintuża data bbażata fuq l-evidenza, aktar milli allarmi foloz li n-nisa huma aktar affettwati mill-gwerra, mill-COVID, mit-tibdil fil-klima, jew li l-aħjar soluzzjoni għan-nisa hija li jirrikorru aktar għall-abort; għalhekk jista' jsir iffrankar fil-proċess baġitarju billi jitnaqqsu dawn il-linji baġitarji;

2. Iqajjem tħassib dwar id-demonizzazzjoni ta' gruppi li jappoġġjaw lin-nisa tqal; jinnota li dan imur kontra l-Artikolu 2 tat-TUE u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, fejn jinsab imnaqqax id-dritt għall-ħajja; jinsab imħasseb ukoll dwar in-nuqqas ta' rispett għall-kompetenzi tal-Istati Membri fil-qasam tas-saħħa; jitlob għalhekk li jitneħħa l-finanzjament għall-organizzazzjonijiet li jippromwovu l-abort; jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-missjoni ewlenija ta' dawk li jingħatwlhom il-fondi tal-UE u ma jingħatax finanzjament lil dawk l-atturi li jużaw il-fondi tal-UE bl-iskop li jxejnu d-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari d-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

3. Jinnota li l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri hija difettuża, minħabba li timponi fuq in-nisa rwoli, impjiegi u identitajiet, li jistgħu ma jkunux iridu, aktar milli sempliċiment tagħti lill-individwi u lill-familji l-opportunità li jiddeċiedu;

4. Jinnota l-metodoloġija diffettuża użata biex tiġi kkalkulata d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa tal-Unjoni, li attwalment tammonta għal 12,7 %, peress li din il-metodoloġija ma tqisx l-għażla li persuna tagħmel xogħol b'paga aktar baxxa jew part-time;

5. Jinnota l-importanza tal-ġlieda kontra l-vjolenza u t-traffikar, kif deskritt fl-inizjattiva Daphne iżda jappella għat-trasparenza dwar ir-riżultati tal-flus investiti.